MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2003

Numru 816/2003

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino u
Sp Sandro Zarb)
vs
Alfio Attard, iben Joseph,
imwieled Pieta' fit-8 ta'
ottubru, 1963

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. Fuq it-talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT:
talli fil-15 ta' mejju, 2003 u\jew f'xi data qabel instab li xjentement kellu fil-pussess tiegħu, billi kellu depożitat għandu u\jew taħt il-kontroll tiegħu –
(i) pistola semi-awtomatika, ASTRA FIRE CAT, kalibru 6.35mm, mingħajr numru tas-serje; u
(ii) wieħed u sittin (61) round, kalibru 6.35mm;

L-importazzjoni ta’ dawn l-oġġetti hi projbita u\jew ristretta u għandu valur totali ta’:
(i) Lm25.00 u dazju Lm1.67,5;
(ii) Lm6.10 u dazju Lm0.28,1;
(iii) Lm4.95 Taxxa fuq il-Valur Miżjud;
Liema taxxa u dazju ma ġietx imħallsa u\jew kawtelata,
u dan bi ksur ta’ l-artikolu 60(a)(b)(ċ)(k), l-artikolu 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-proviso ta’ l-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta’ Malta
u bi ksur ta’ l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att XXIII ta’
l-1998);

2. talli fl-istess ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar mingħajr liċenzja
tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. talli sar reċidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, b’sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-25 ta’ settembru, 1998.

Rat il-‘letters to prosecute’ eżebiti mir-rappresentanti tal-Kontrollur tad-Dwana u
tal-Kummissarju tal-VAT.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ novembru, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-artikolu 60(a)(b)(ċ)(k) u l-artikolu 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) u il-paragrafu (a) tal-proviso ta’
l-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att XXIII ta’ l-1998). Tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali piena ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk fi żmien sena mil-lum jikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta’

priġunerija.  Inoltre, tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ ħamsa u sebgħin liri maltin (Lm75) u tordna l-konfiska tal-arma u tal-munizzon eżebit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------